MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 271/2013

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Giuseppi Axiaq**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 661851 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-7 t'Awwissu, 2012 ghall-habta tal-22.30 hrs waqt li kien gewwa Triq il-Katakombi, Marsascala,

1. gab ruhu b'mod li jaghti fastidju lil martu Paula Axiaq meta kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal imsemmija persuna;
2. bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu Paula Axiaq biza` li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Gunju, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 251A(1)(a)(b), 251B(1) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija sospiz ghal sentejn ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ma sabitux hati tat-tieni akkuza u ghaldaqstant illiberatu.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Gunju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi
1. tikkonfermha in kwantu iddikjarat lill-esponent mhux hati tat-tieni mputazzjoni u illiberatu minnha, u
2. tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati ukoll anki ta' dina l-imputazzjoni - u b'hekk l-esponent jigi dikjarat hieles minn kwalunkwe mputazzjoni u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Mill-istess fatti kif irrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza deher bl-aktar mod evidenti illi l-imgieba ta' l-esponent ma kienetx fastidjuza.  Il-provi mressqa urew illi dak in-nhar tas-7 ta' Awissu 2012 wara li l-esponent kien akkumpanja lil ibnu Joseph Axiaq f'gurnata xoghol tal-bejgh tal-haxix u kienu sejjrin id-dar, huwa nzerta kazwalment lil marthu Paula Axiaq u mill-boghod ra taqsam it-triq pubblika ma' ragel iehor. Ma' martu l-esponent jinsab ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni personali. L-esponent ghalhekk ipparkja l-vettura tieghu mal-hamsin metru l-boghod. Paula Axiaq baqghet ghaddejja u l-esponent jghid li lanqas biss indunat bih, u huwa baqa' jhares.  La resaq lejha, la offendiha, la kellimha u lanqas b'xi mod ma attiralha l-attenzjoni.  L-esponent spicca biex telaq lil

hemm wara xi hames minuti. La darba l-Ewwel Qorti kienet konvinta illi l-esponent ma kienx bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu biza li ser tintuza vjolenza kontriha tant li illberatu mit-tieni mputazzjoni, ma kien hemm xejn x'jostakolha biex tilliberah anki miil-ewwel imputazzjoni.

Bla pregudizzju ghall-premess, dan l-hekk imsejjah "incident" f'okkazzjoni ta' darba jinnewtralizza l-element rikjest f'dan ir-reat u dana ghaiiex il-ligi stess tispecifika "a course of conduct" u allura jrid ikun hemm aktar minn okkazzjoni ta' darba kif kien fil-kaz in dizamina. Anki l-Encipikiopedia Wikipedia jghid li "harassment is characteristically repetitive".

Ukoli bla pregudizzju ghas-suespost, fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba, fejn l-esponent semplicement qaghad ihares, kienet wahda ragonevoli [Artikolu 251A(3)(c)}. Ghaliex l-esponent, li jinsab ghaddej ma' martu fi proceduri ta' separazzjoni personali u qed ihallasha manteniment regolarment, m'ghandhux dritt ihares lejha jekk jarha barra fi triq pubblika u mbaghad ma' ragel iehor fejn allura jista' mbghad jipprocedi civilment halli jgieghla tiddekadi mid-dritt taghha ta' manteniment?

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fis-7 t'Awwissu ta' l-2012, l-appellant Giuseppi Axiaq u ibnu Joseph, kienu sejrin lura d-dar iz-Zurrieq wara gurnata xoghol ibieghu l-haxix f'Wied il-Ghajn. Hin minnhom l-appellant ra lil martu Pawla Axiaq, li maghha qieghed f'proceduri ta' separazzjoni personali, taqsam it-triq akkumpanjata ma' persuna ohra. L-appellant waqqaf il-vettura tieghu biex jara Pawla Axiaq fejn kienet sejra pero la resaq lejha, la kellimha u lanqas b'xi mod m'attiralha l-attenzjoni. Pawla Axiaq marret taghmel rapport lil Pulizija talli bezzaha u taha fastidju.

Ikkunsidrat.

Pawla Axiaq xhedet f'dawn l-atti u x-xhieda taghha tikkontrasta bis-shih mar-rapport illi ghamlet lil Pulizija kif

muri fl-Affidavit ta’ PS 1576. Hemmhekk lis-Surgent jghid li Pawla Axiaq qaltlu li hassitha imbezza’ pero`, quddiem din il-Qorti innegat dan kollu. Fil-fatt, qalet li rat lir-ragel taghha u t-tifel fil-vann wara l-bieb fil-kantuniera. La kellmuha u lanqas avvicinawha u wara ftit telqu ‘l hemm. Pawla Axiaq kompliet tghid illi hija ma hassithix bezana’ u lanqas ma rrappurtat xi fastidju minn naha ta’ l-appellant. Pero`, qalet li l-prezenza tieghu stressjatha u ghalhekk marret taghmel rapport l-ghassa. Fix-xhieda tieghu, l-appellant jikkonferma x-xhieda ta’ Pawla Axiaq, illi waqqaf il-karozza meta ra lilha u l-habib taghha jaqsmu t-triq, pero m’avvicinahiex u lanqas ma kellimha jew ghalilha xi mossa. Lanqas ma taha fastidju. Wara ftit telqu ‘l hemm. Din ix-xhieda hija wkoll ikkoroborata minn Joseph Axiaq, bin l-appellant meta jghid li waqqfu l-vann u nizlu izda ma ghamlu xejn aktar, la kellmu lil ommu u lanqas m’avvicinawha. Jidher ghalhekk li fuq il-fatti x-xhieda huma kolla pacifici pero l-appellant gie akkuzat b’zewg akkuzi. Wahda minnhom illi ta fastidju lil Pawla Axiaq u l-ohra illi kkagunalha biza’. Fuq it-tieni akkuza, l-ewwel Qorti lliberat u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tidhol fiha. Pero` ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza, li ta fastidju lil Pawla Axiaq, din ta’ l-ahhar quddiem din il-Qorti qalet katigorigament illi l-appellant ma tahiex fastidju u marret taghmel rapport ghax hassitha stressjata bil-prezenza tieghu.

Bir-rispett, din il-Qorti ma jidrilhiex illi dan l-istat jaqa’ taht xi sanzjoni tal-Ligi. Li tati fastidju lil xi hadd, jimplika xi haga iktar fejn dak li jkun ihossu stressjat. Il-fastidju jimplika azzjoni minn parti illi tigi interpretata mill-parti l-ohra bhala dwejjaq u emozzjonalment negattiva. Li tkun stressjata hija xi haga ulinaterali minghajr ma tikkreja xi reazzjoni minn persuna ohra. Fil-fatt kemm il-parti leza Pawla Axiaq u l-appellant, it-tnejn ikkonfermaw li dan ta’ l-ahhar m’ghamel assolutament xejn hlief li waqqaf il-karozza u ra li martu taqsam it-triq, akkumpanjata minn persuna ohra. Ma hemm xejn illegali f’dan l-operat ta’ l-appellant. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti, fuq il-provi illi kellha quddiemha ma setghetx issib lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u messu wkoll gie lliberat minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fejn fil-waqt li tikkonfermaha fejn ma sabiex lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni, tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta’ din l-imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------